**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs.**

**Paul Scerri**

Numru: 1238/2010

Illum 7 ta' Novembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Paul Scerri**, ta' erbgha u hamsin (54) sena, bin Gaetano u Rita neé Spiteri, imwieled il-Marsa fil-15 ta' April 1956 u li joqghod f'57A, Triq il-Lunzjata, Sliema, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 269456(M) akkuzat talli f'Jannar 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonii tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' George Falzon;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, u cioé is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centzmu (€2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u liema somma flus kienet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorizazzjoni installa, nehha, biddel, ikkancella, qered jew varja jew zid ma' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;

4. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorizazzjoni, immodifika taghmir jew provvisti tal-*computer* li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network*;

5. fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorizazzjoni ha fil-pussess, ghamel hsara fi, jew qered xi *computer*, sistema ta' *computer*, *computer network*, jew provvisti ta' *computer* li jintuza jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network*, jew hassar t-thaddim ta' xi wiehed minnhom;

6. sar recidiv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi, waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 18), l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u li fl-imsemmija seduta l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 50 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-parti leza George Falzon jixhed, fost l-ohrajn, li l-imputat ma ghandu jaghtih xejn aktar u dana *stante* li l-ammont dovut lilu mill-imputat gie kollu mhallas mill-istess imputat. Falzon xehed ukoll li l-imputat qed jahdem mieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat, il-fedina penali (*a fol.* 3 *et seq.*) tal-imputat, u kif ukoll dak li xehed George Falzon fis-seduta tallum, fejn, fost l-ohrajn, qal li jahfer lill-imputat u li l-imputat ma ghandu jaghtih xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 49, 50, 293, 294, 308, 310(1)(a), 337C(1)(g), 337D(a) u 337D(b) tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Paul Scerri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proceduri.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**